



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2023
(OR. en)

6054/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0261(NLE)

AVIATION 16
RELEX 142
USA 8
N 6
ISL 7

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 49 final
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta emedata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 49 final.

Mehmuż: COM(2023) 49 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2023
COM(2023) 49 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta emedata għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL

Li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Uniti"),

bħala l-ewwel parti;

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

L-UNGERIJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

~~IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,~~

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Membri"),

u

L-UNJONI EWROPEA,

bħala t-tieni parti;

L-IŻLANDA,

bħala t-tielet parti; u

R-RENJU TAN-NORVEĠJA (minn hawn 'il quddiem, "in-Norveġja"),

bħala r-raba' parti;

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011 (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim tal-2011"), għandu japplika għar-Repubblika tal-Kroazja bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

L-Artikolu 2 tal-Ftehim tal-2011 għandu jitħassar fl-intier tiegħu u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“ARTIKOLU 2

**Applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru kif emendat bil-Protokoll
u l-Anness ta' dan il-Ftehim**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007 (minn hawn 'il quddiem, “il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru”), kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, u kif emendat b'mod ulterjuri bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, iffirmit fi _____ ~~2014~~²⁰²³ (minn hawn 'il quddiem, “il-Protokoll”), li b'dan huma inkorporati b'referenza, għandhom japplikaw għall-Partijiet kollha ta' dan il-Ftehim, soġġetti għall-Anness ta' dan il-Ftehim. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru, kif emendat bil-Protokoll, għandhom japplikaw għall-Iżlanda u għan-Norveġja daqslikieku kienu Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk l-Iżlanda u n-Norveġja għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Istati Membri abbażi ta' dak il-ftehim. Id-dispożizzjonijiet tal-Anness ta' dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.”

Artikolu 3

Ir-referenzi kollha għal “il-Protokoll” fl-Anness tal-Ftehim tal-2011 għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għal “il-Protokoll”.

Artikolu 4

Il-paragrafu 6 tal-Anness tal-Ftehim tal-2011 għandu jitħassar fl-intier tiegħu u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“6. It-test tat-Taqsima 3 tal-Anness I tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru kif emendat bil-Protokoll, għandu jinqara kif ġej:

‘Minkejja l-Artikolu 3 ta’ dan il-Ftehim, il-linji tal-ajru tal-Istati Uniti ma għandux ikollhom id-dritt li jipprovdu servizzi li jgħorru merkanzija biss, li ma jkunux parti minn servizz li jaqdi lill-Istati Uniti, lejn l-Istati Membri jew minn punti fihom, għajr lejn ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakkja, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, jew minn punti fihom.’”

Artikolu 5

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-iktar waħda tard minn dawn li ġejjin:

1. id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2011;
2. id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta’ April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta’ April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta’ Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, iffirmit fi _____ ~~2019~~23; u
3. xahar wara d-data tal-aħħar nota tal-iskambji ta’ noti diplomatiċi fost il-Partijiet li jikkonfermaw li tlestew il-proċeduri neċessarji kollha għad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Protokoll.

Artikolu 6

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Protokoll b’mod proviżorju, sa fejn permess skont il-liġi domestika applikabbli, mid-data tal-iffirmar.

Magħmul fi, b’erba’ kopji, fi ~~2019~~23.

Għall-Istati Uniti tal-Amerka:

Għar-Repubblika tal-Awstrija,
għar-Renju tal-Belġju,
għar-Repubblika tal-Bulgarija,
għar-Repubblika tal-Kroazja,
għar-Repubblika ta’ Ċipru,
għar-Repubblika Ċeka,

għar-Renju tad-Danimarka,
għar-Repubblika tal-Estonja,
għar-Repubblika tal-Finlandja,
għar-Repubblika Franċiża,
għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja,
għar-Repubblika Ellenika,
għall-Ungerija,
għall-Irlanda,
għar-Repubblika Taljana,
għar-Repubblika tal-Latvja,
għar-Repubblika tal-Litwanja,
għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu,
għal Malta,
għar-Renju tan-Netherlands,
għar-Repubblika tal-Polonja,
għar-Repubblika Portugiża,
għar-Rumanija,
għar-Repubblika Slovakka,
għar-Repubblika tas-Slovenja,
għar-Renju ta' Spanja,
għar-Renju tal-Iżvezja,
~~għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u~~
għall-Unjoni Ewropea:

Għall-Iżlanda:

Għar-Renju tan-Norveġja:

Dikjarazzjoni Konġunta

“Ir-Rappreżentanti tal-Istati Uniti tal-Amerka, tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, tal-Iżlanda u tar-Renju Unit kkonfermaw li t-test tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba’ parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta’ Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, iffirmat fi _____ ~~2019~~²⁰²³ (“il-Protokoll”), irid jiġi awtentikat f’lingwi oħra kif previst permezz ta’ skambju ta’ ittri, qabel l-iffirmar tal-Protokoll, jew b’deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, wara l-iffirmar tal-Protokoll.

Ir-Rappreżentanti kkonfermaw ukoll li l-kliem “lingwi oħra” fid-Dikjarazzjoni Konġunta li tiffirma parti mill-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba’ parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta’ Ġunju 2011, jirreferi wkoll għal-lingwi tal-Istati Membri li jaderixxu fl-Unjoni Ewropea.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija parti integrali tal-Protokoll.”

Għall-Istati Uniti tal-Amerka:

Għall-Unjoni Ewropea

u għall-Istati Membri tagħha:

Għall-Iżlanda:

Għar-Renju tan-Norveġja: